# TRIBUNAL  INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU.  2780

Każ Nru.   3777/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Lorraine Farrugia (KI 355494 M)

u

Lead Service Technologies Ltd

(C-64386)

Data: 24 ta' Novembru, 2021

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman:  Franco  Masini**

**1.  Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat  permezz ta' Rikors magħmul fit-12 ta' Awwissu 2019 mill-Avv Mark.A..Mifsud Cutajar f'isem Lorraine Farrugia fejn din qed tallega li ġiet illegalment liċenzjata mill-impieg li kellha mas-Soċjetà Lead Service Technologies Ltd.,  fit-18 ta' Mejju 2019,  għal raġuni dixxiplinarja peress li kienet allegatament abbandunat  il-post tax-xogħol. Is-Soċjetà Intimata  kienet rappreżentata mis-Sur Mario Sacco, assistit mill-Avukat Matthew Cassar u mill-Avukat Nicole Briffa.     Inżammu ħdax-il seduta.

A tenur tal-Artikolu 78 (1) tal-Kap 452. irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrenti kienet ibbenefikat minn perijodu ta' *maternity leave* bejn is-26 ta' Novembru 2018, u t-30 ta' Marzu 2019. Daħlet lura għax-xogħol fit-3 ta' April 2019. Minn hawn 'il-quddiem kien hemm serje ta' assenzi minn fuq ix-xogħol minħabba mard tat-tifla tagħha, mard tal-istess Rikorrenti, u okkażjonijiet fejn ma kellha lil ħadd biex iżommilha t-tifla. Jirriżulta illi bejn id-9 ta'April 2019 u s-7 ta' Mejju 2019 daħlet għax-xogħol disa' darbiet biss. Skont is-Soċjetà ntimata sad-9 ta' Mejju 2019 ir-Rikorrenti kienet eżawriet il-frank kollu inkluż l-*emergency leave* li kienet intitolata għalih. Hija ġiet infurmata li kellha tidħol lura għax-xogħol. Ir-Rikorrenti irrispondiet li minħabba s-saħħa tat-tarbija tagħha ma kienx possibbli li tirritorna dakinhar. L-għada li kienet il-Ġimgħa ukoll ma rrappurtatx għax-xogħol iżda infurmat lis-Soċjetà ntimata li mit-Tnejn ta' wara kienet ser tidħol. Fil-fatt ma daħlitx u fl-14 ta' Mejju 2019 ġiet infurmata permezz ta' *email* li l-impieg tagħha kien terminat minħabba abbandun tal-impieg. I-Rikorrenti tgħid li għal raġunijiet serji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa ta' bintha tarbija ma setgħatx tagħmel mod ieħor, tgħid ukoll li anke offriet li ma titħallasx. Tgħid ukoll li qatt ma irrspondew għat-talba tagħha tas-7 ta' Mejju 2019. Ir-Rikorrenti tallega li s-Soċjetà ntimata riedet teħles minnha peress li kienet ġiet impjegata persuna oħra u għaldaqstant meta daħlet lura wara l-*maternity leave* kien se jkollhom persuna żejda. Tgħid ukoll li qatt ma kien hemm xi ilment fuqha u dejjem qdiet id-doveri tagħha tajjeb.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-fatti dwar l-assenzi varji tar-Rikorrenti mill-post tax-xogħol tagħha mhux kontestati. Ir-raġunijiet jidhru li kienu validi skont ir-Rikorrenti, iżda s-Soċjetà ntimata akkomodat kemm setgħet dawn l-assenzi waqt li sofriet l-effett tagħhom. F'certu żmien ma setgħetx tissaporti aktar u meta ġew eżawriti l-ġranet tal-frank u l-*emergency leave* ma kellha l-ebda triq oħra ħlief dik li tipprova tassigura finalment li r-Rikorrenti tirritorna lura għad-doveri ta' ħidma tagħha. Ma ġie ippruvat bl-ebda mod li riedu jeħilsu mir-Rikorrenti u l-fatt li ma kienx hemm ebda lment dwar ix-xogħol tar-Rikorrenti waqt il-ħajja lavorattiva qasira tagħha isostni iktar dan. It-Tribunal ma jistax ma jieħux konjizzjoni tal-fatt li r-Rikorrenti kienet ġiet offruta l-impieg mill-ġdid bl-istess kundizzjonijiet li kienet tgawdi qabel. Dan ċertament ma jindika bl-ebda mod li riedu jeħilsu minnha. Anzi jikkonferma li l-uniku problema kienet l-assentiżmu tagħha. In-nuqqas tar-Rikorrenti li terġa lura għax-xogħol, għal raġuni jew oħra, huwa fil-fehma tat-Tribunal ekwivalwenti għal *constructive resignation*. Hija azzjoni li permezz tagħha r-Rikorrenti tkun itterminat il-vinkolu kontrattwali li kellha mas-Soċjetà Intimata.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrenti Lorraine Farrugia minn mas-Soċjetà ntimata Lead Service Technologies Limited kienet kawża tal-abbandun tal-impieg da parti tagħha u għaldaqstant l-istess Soċjetà hija ħielsa mill-akkuża tal-liċenżjament illegali.

**5. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali nru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lill min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja